*Ksur dritt fundamentali tgawdija proprjeta`*
*Liġijiet tal-kera*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Kost. Nru. 658/2022 GM**

**Antoinette Tanti (880550M)**

**vs**

**(1) Rita Antonia Stanmore (539146M)**

**(2) Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Antoinette Tanti li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Ir-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond uffiċjalment immarkat bin-numru mija u wieħed (101), li jġib l-isem 'Roma' li tinsab fi triq A. Cuschieri, ġewwa Fleur-De-Lys, Birkirkara, aktar tard imsejjaħ il-'fond';

2. Ir-rikorrenti wirtet dan il-fond mingħand il-ġenituri tagħha ossia Angelo Borg u Angela sive Angiolina Borg nee' Sciberras, fejn il-konjuġi Borg, permezz ta' Testment Unica Charta datat l-għoxrin ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija erbgħa u disgħin (20.06.1994), hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**, il-konjuġi Borg ħallew diversi legati lil uliedhom Antoinette Tanti, Lina Mifsud u Vincent Borg, inkluż ir-rikorrenti Antoinette Tanti.

3. Ir-rikorrenti flimkien ma' ħutha Lina Mifsud u Vincent Borg dehru quddiem in-Nutar Dottor Christopher Gatt sabiex jippubblikaw Att ta' Causa Mortis fl-ewwel ta' Frar tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (01.02.1999) (hawn anness u mmarkat bħala **Dok B**) u dana wara l-mewt ta' missierhom u cioe' Angelo Borg, u in segwitu ta' dan, r-rikorrenti għal darb'oħra dehru quddiem in-Nutar Christopher Gatt sabiex jippubblikaw Att ta' Causa Mortis fis-sittax ta' Ġunju tas-sena elfejn (16.06.2000) (hawn anness u mmarkat bħala **Dok C**) u dana wara l-mewt ta' ommhom u cioe' Angela sive Angiolina Borg nee' Sciberras;

4. Permezz tas-suespost, ir-rikorrenti Antoinette Tanti ġiet vesista b'diversi legati, fosthom bil-fond 101, 'Roma', fi Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara;

5. Il-fond in kwistjoni ilu mikri lill-intimata Rita Antonia Stanmore, tant li anke fid-dikjarazzjoni Causa Mortis tal-ewwel ta' Frar tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (01.02.1999), huwa indikat li l-fond anke dak iż-żmien kien mikri lil terzi, u fil-fatt ilu hekk mikri lil terzi anke qabel is-sena elf disa mija ħamsa u disgħin (1995) u cioe' anke fiż-żmien meta l-ġenituri tar-rikorrenti kienu għadhom ħajjin;

6. Qabel l-emenda ai termini tal-Att X tal-2009, kien japplika l-*'fair rent'* a tenur tar-'Rent Restriction Dwelling Housing Ordinance' tal-1944 fejn kien jistabbilixxi l-fair rent a tenur tal-Artikolu 3 u 4 tal-istess Ordinanza, liema *'fair rent'* a tenur tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma seta' qatt jeċċedi dak li hemm stipulat fl-Artikolu 4 tal-istess Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta ossia kumpens ta' kera kif stabbilit bil-liġi ta' fond kieku kien inkera f'kull żmien qabel l-4 ta' Awwissu 1914; dan ifisser illi r-rikorrenti, kif ukoll il-ġenituri tagħha qabilha, ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni u jirċievu kera ġusta stante li bil-liġi dak li kienu jirċievu kien kera kif stipulat fil-1914 u baqa' hekk sal-2010 bl-aġġustamenti rriżorji tal-Att X tal-2009;

7. Billi l-kera hija fissa fil-liġi u ma tistax tinbidel minkejja li l-prezzijiet fis-suq dejjem jogħlew u llum il-ġurnata teżisti diskrepanza enormi bejn il-kera annwali tal-fond kif kontrollata mil-liġi u r-redditu li l-istess fond kien iġib f'suq ħieles, din il-kirja tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dak tal-inkwilini;

8. Effettivament bl-istat li hija l-liġi, r-rikorrenti m'għandhiex speranza reali li qatt tikseb id-dgawdija tal-proprjeta' tagħha u mġiegħela li qatt ma jingħata kumpens xieraq tal-istess fond u dan peress illi l-kera li jitħallas bl-ebda mod ma hu qrib il-valur lokatizzju reali tal-istess fond kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana l-fatt jimponi fuq ir-rikorrenti piż eċċessiv u sproporzjonat. Dan joħloq żbilanċ inġust u manifest bejn l-interessi tas-soċjeta' in ġenerali u d-dritt tal-proprjeta' tar-rikorrenti;

9. Il-privazzjoni tal-proprjeta' tar-rikorrenti hija leżjoni tad-dritt tal-proprjeta' kif protetta mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea; illi r-rikorrenti anqas għandu rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax iżied il-kera b'mod ekwu u ġust skont il-valur tas-suq tal-lum stante illi dak li effettivament hija tista' tirċievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Dan kollu kif ġie deċiż fil-kawżi **Amato Gauci vs. Malta (no. 47045/06) deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009**, u **Lindheim and others vs. Norway** (no. 13221/08 u 2139/10) deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012 u **Zammit and Attard vs. Malta**, applikazzjoni nru. 1046/12 deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 u **Anthony Debono et vs. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Mejju 2019**;

11. Ir-rikorrenti għalhekk qiegħda ssofri minn nuqqas ta' 'fair balance' bejn l-interessi ġenerali tal-komunita' u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż **f'Beyeler vs. Italy nru. 33202/96, J.A. PYE (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC] (no. 44302/02)** u għalhekk qiegħed jiġi leż wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalita' kif ġie deċiża fil-każ **Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs. Portugal nru. 41696/07 tal-21 ta' Diċembru 2010**;

12. Minkejja li daħal fis-seħħ l-Att XXIV tas-sena 2021 li introduċa l-artikolu 4A fil-Kapitolu 69, dana xorta m'għamilx biżżejjed sabiex jirrimedja l-iżbilanċ inġust u manifest bejn l-interessi tas-soċjeta' in ġenerali u d-dritt tal-proprjeta' tar-rikorrenti;

13. Jingħad ukoll li r-regolamenti ta' kontroll ta' kera jikkostitwixxu interferenza mad-dritt tas-sid għall-użu tal-proprjeta' tagħha, stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilin, jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (vide **Hutten-Czapska vs. Poland [GC]**, nru. 35014/97, **Others vs. Slovakia**, nru. 30255/09, 28 ta' Jannar 2014);

14. Dan kollu huwa wkoll diskriminatorju sia ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll bejn dak li hemm dispost fl-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u dak li jiddisponi l-Att XXXI tal-1995 għal kirjiet li daħlu fis-seħħ wara l-1 ta' Ġunju 2005;

15. Il-valur lokatizju tal-post huwa ferm ogħla minn dak li l-liġi imponiet li r-rikorrenti għandha tirċievi, kif fil-fatt ser jintwera fil-mori tal-każ odjern, u dan b'tali mod illi bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34, 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 u 14 tal-Protokoll Nru. 1 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk il-Liġi fuq imsemmija għandha tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali u għandha tiġi emendata, kif del resto diġa' ġie deċiż mill-Qorti

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara l-każ **Zammit and Attard Cassar vs Malta deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem** u **Amato Gauci vs. Malta – deċiża fil-15 ta' Settembru 2009**);

16. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa' kellha okkazzjoni tikkummenta f'każi li rrigwardjaw lil Malta li għalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, li ndividwu jiġi privat mill-użu liberu tal-proprjeta' għal ħafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawża **"Ghigo vs. Malta" deċiża fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jeżisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni għaliex ir-rikorrenti ġie privat mill-proprjeta' tiegħu tnejn u għoxrin (22) sena qabel u kien jirċievi ħamsa u ħamsin (55) Euro fis-sena bħala kera. Fis-sentenza "**Fleri Soler et vs. Malta**" mogħtija fl-istess data, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ġie leż u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif ġara wkoll fil-kawża ta' **Franco Buttigieg & Others vs. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2018** u **Albert Cassar vs Malta deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018.**

17. B'sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Rikors nru. 89/18 LM fl-ismijiet **Anthony Debono et vs. l-Avukat Ġenerali et, fit-8 ta' Mejju 2019**, din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidien stante li ma nżammx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u li s-sidien mhux qed jirċievu l-kera ġusta fis-suq, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali ġie kkundannat jħallas danni ta' Eur 20,000 lir-rikorrenti oltre l-ispejjeż kollha tal-kawża.

18. Imbagħad reċentement l-każ ta' **Portanier vs. Malta (Application 55747/16) deċiża fis-27 ta' Awwissu 2019** mil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qies li l-Qorti Kostituzzjonali għandha l-jedd li tiddetermina jekk għandux ikun hemm żgumbrament skont iċ-ċirkostanzi li jridu jirriżultaw ċari mill-provi u sabiex ma tibqax tiġi perpetwa leżjoni ċara tad-drittijiet tas-sid.

19. Imbagħad skont il-prinċipji enunċjati fil-każ tal-Qorti ta' Strasburgu (13.01.2022) **Radmilli vs. Malta**, r-rikorrenti għandha wkoll tiġi kkumpensata għat-telf illi hija ġarrbet fil-patrimonju tagħha, u cioe', anke għaż-żmien illi hija kienet għadha ma wirtetx fis-sħiħ il-proprjeta', il-għaliex il-Qorti qiset illi t-telf illi jkunu ġarrbu l-awturi tiegħu huwa telf illi għandu jiġi kkumpensat għalih ukoll il-werriet, u cioe' f'dan il-każ ir-rikorrenti;

20. U billi għalhekk ir-rikorrenti tħoss li fir-rigward tagħha qed jiġi miksur l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u dana billi b'mod diskriminatorju qed jiġi pprivat, mingħajr ma tingħata kumpens ġust, mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħha u cioe' l-fond fuq imsemmi 101, 'Roma', fi Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. **Tiddikjara** u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti, il-fatti suesposti, l-operazzjonijiet tal-Ordninaza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossia l-Kap.69 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta’ rilokazzjoni lill-intimata Rita Antonia Stanmore, għal fond 7101, ‘Roma’, fi Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, u b’hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabli Qorti jidrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluż l-iżgumbrament tal-intimata Rita Antonia Stanmore Micallef mill-fond *de quo*;

2. **Tiddikjara** u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat, huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b’konsegwenza ta’ l-operazzjonijiet tal-Kap 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-Liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta’ in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi, liema danni għandhom ikunu pekunjarji kif ukoll non-pekunjarji;

3. **Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, kif ukoll danni kif sofferti mit-telf mill-patrimonju tal-ġenituri tal-istess rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.

4. **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi;

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In vena preliminari, ir-rikorrenti trid iġib prova:

a. tat-titolu li għandha fuq il-fond 101, 'Roma', Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara

b. tal-allegat ftehim tal-kirja u prova konvinċenti li tali kirja hija soġġetta għall-kirja li hija regolata bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

3. Mingħajr preġudizzju, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għaliex il-Kap.69 u 1-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta huma liġijiet li daħlu fis-seħħ qabel l-1962 u dan skont ma jipprovdi l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas ma hemm ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ma hemm 1-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti (ara Alexander Caruana et vs Doris Zarb et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2021);

5. Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwe1 Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissustixxi biss bejn it-30 ta' April, 1987 sal-31 ta' Mejju, 2021 u cioè mid-data stabbilita fl-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sal-aħħar data qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021;

7. Fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponent umilment jeċċepixxi li din 1-Onorabbli Qorti mhijiex il-forum addattat sabiex tiddeċiedi dwar talba ta' żgumbrament;

8. Fir-rigward tal-ewwel talba wkoll, din il-Qorti ma għandhiex tgħaddi biex tiddikjara li l-intimata ma tistax tistrieħ aktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-Att XXIV tal-2021 ikkreja bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sid u d-drittijiet tal-inkwilini;

9. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-tielet talba, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, kwalunkwe kumpens għandu jingħata b' tali mod li jkun aġġustat *pro rata* peress li mir-rikors promotur jidher li l-fond għadda għand ir-rikorrenti permezz ta' prelegat fis-sena 1999 u 2000 rispettivament;

Rat ir-Risposta ta’ Antonia Rita Stanmore, li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Preliminarjament, m'għandhiex tkun l-esponenti li tiġi kkundannata bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrenti, stante l-premessa li ċittadin privat ma jistax ikun misjub li kiser id-drittijiet ta' terzi hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qrati nostrani u in oltre, l-esponenti dejjem assiġurat li tottempra ruħha rigorożament ma' dak li trid il-liġi.

2. Ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u għall-eċċezzjonijiet illi ser isegwu, r-rikorrenti għandhom jipprovaw li huma s-sidien tal-fond mertu ta' din il-kawża.

3. In linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u għall-eċċezzjonijiet kollha illi jsegwu, ir-rikorrenti ċertament illi ma jistgħux jilmentaw minn xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom stante li huma baqgħu regolarment jaċċettaw l-kera illi l-esponenti baqgħet tħallas, u dan kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors ta' din il-kawża. Oltre dan, l-esponenti dejjem ħallset puntwalment dak illi kien dovut minnha legalment.

4. Jispetta wkoll lir-rikorrenti li jressqu prova li huma m'għandhomx rimedju ordinarju alternattiv biex jottjeni rimedju għal-lanjanzi epurati minnhom f'din il-proċedura. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-esponenti teċċepixxi li din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha.

5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu u l-Artikolu Erbatax tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-każ *de quo*, u/jew kwalsiasi liġi oħra proprju għaliex ma kien hemm ebda teħid forzuż jew obbligatorju tal-proprjeta' mertu tal-każ *de quo*. L-esponenti kriet il-proprjeta' b'mod leġittimu u skont il-Liġi viġenti għal perijodu konsiderevoli ta' snin, f'liema perijodu ma kien hemm ebda kontestazzjoni.

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jinvokaw l-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-każ *de quo*, proprju għaliex l-Istat għandu dritt, *"to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest"* tant li l-kunċett u l-iskop ta' kirjiet protetti hu wieħed aċċettat u sanċit kemm mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll mill-ġurisprudenza tagħha.

7. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk hemm xi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew ta' xi artikolu mill-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u/jew kwalsiasi liġi oħra, dan huwa pjuttost fil-konfront tal-esponenti li qed tiġi pperikolata l-aspettativa leġittima tagħha li tkompli tikri l-fond *de quo* mingħajr ebda xkiel inġust u kontra l-Liġi.

8. Inoltre, sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jallegaw li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, huma jridu. jipprovaw wkoll li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' *'like with like'* u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju. Ċertament, illi r-rikorrenti mhux qegħdin jiġu diskriminati bil-manjiera kif indikat fl-artikoli surreferiti peress li jirriżulta li huma jinsabu fl-istess keffa ta' ħafna sidien oħra ta' proprjetajiet li huma wkoll milquta bl-applikazzjoni tal-liġijiet imsemmija u m'humiex qed jirċievu trattament divers minnu.

9. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma tistax u m'għandhiex tbati għall-limitazzjonijiet jew nuqqasijiet tal-Istat. Illi s-sitwazzjoni deskritta hija riżultat dirett ta' azzjoni jew omissjoni tal-Istat u mhux tal-esponent. Għalhekk huwa l-Istat li għandu jiġi semmai kkundannat jagħti rimedju u mhux l-esponenti li sempliċiment isegwu b'reqqa d-dettami tal-Liġi tal-Istat.

10. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jkun l-Istat li jerfa' r-responsabbilta' tal-prezz finanzjarju ta' Liġi li daħħal l-Istat stess u mhux l-esponenti. Jekk it-talbiet rikorrenti jintlaqgħu, l-esponenti ser tgħaddi minn piż finanzjarju enormi *(hardship)*, liema piż m'għandux jintrefa' mill-esponenti iżda mill-Istat b'miżuri soċjali adekwati.

11. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kemm-il darba ppronunzjat il-fatt illi hi ma hijiex is-sede idonea sabiex tordna l-iżgumbrament minn fond. Għalhekk bħala stat ta' fatt, it-talba għall-iżgumbrament mill-fond hija waħda ġuridikament inammissibli fil-proċeduri odjerni.

Rat li b'verbal tagħha tat-30 ta' Jannar 2023 ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jagħmel stima tal-valur kummerċjali kif ukoll dak lokatizzju tal-fond fis-suq kull ħames snin għall-perjodu bejn is-sena 1995 sas-sena 2021.[1]

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex il-valur kummerċjali u lokatizzju tal-fond in kwistjoni jiġi stmat mis-sena 1962.[2]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2023.[3]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-Avukat tal-Istat.

Rat l-atti kollha tal-każ.

[1] Fol 36
[2] Fol. 135.
[3] Fol. 150.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Ir-rikorrenti akkwistat il-fond numru 101, bl-isem 'Roma' li tinsab fi Triq A.Cuschieri, Fleur-De-Lys Birkirkara b'titolu ta' pre-legat mingħand il-ġenituri tagħha permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri fl-20 ta' Ġunju 1994.[4] Il-ġenituri tar-rikorrenti ħallew l-użufrutt tal-beni kollha tagħhom lil xulxin mingħajr ma ħatru werrieta universali. Missier ir-rikorrenti miet fil-5 ta' Ottubru 1998 u ommha fl-1 ta' Frar 2000.

Il-fond in kwistjoni ilu mikri lill-intimata Stanmore minn qabel is-sena 1995. Illum il-kera mħallsa hija ta' €480 fis-sena.

**Titlu**

Mid-dokumenti esibiti, jirriżulta li tassew ir-rikorrenti għandha dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tar-rikorrenti kienu proprjetarji tal-fond *de quo* u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sas-27 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV.2021. Kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel, dan l-Att ġab bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

Għaldaqstant, il-kumpens li hija ntitolatata għalih ir-rikorrenti mis-sena 1987 sas-sena 1999 (sakemm ġiet nieqsa ommha, għaliex kellha l-użufrutt tal-beni kollha

[4] Dok. A a fol. 8.

ta' żewġha) huwa ta' wieħed minn tlieta (1/3), bħala eredi tal-ġenituri tagħha flimkien maż-żewġ ħutha billi l-ġenituri ma ħallewx werrieta; għalhekk il-wirt waqa' fuq it-tliet ulied 'ab intestato', u kumpens sħiħ mis-sena 2000 sas-sena 2021.

**L-ewwel, it-tielet, id-disa' u l-għaxar eċċezzjoni tal-intimata Stanmore: hija biss inkwilini b'kirja valida; u m'għandhomx ibatu danni u spejjeż**

Huwa kkonsolidat fil-ġurisprudenza li l-inkwilin huwa leġittimarju passiv validu fi proċeduri bħal dawn iżda ma jbatix spejjeż.

**Applikabilita` tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni**

Sewwa jeċepixxi l-Avukat tal-Istat fit-tielet eċċezzjoni tiegħu li:

-Il-Kap 69, tal-Liġijiet ta' Malta huwa protett mill-Art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta' kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962.

Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Martinelli v Avukat Generali**[5] stabbiliet li "għalkemm il-Kap 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 dawk il-liġijiet m'għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 37(9)" (recte: Art. 47(9)) "Għalhekk l-Avukat tal-Istat sewwa qal illi l-Kap 69 kif emendat, ma jintlaqax bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni."

**It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-ħames eċċezzjoni tal-intimata Stanmore; m'hemmx deprivazzjoni ta' proprjeta`; semmai ta' użu, u m'hemmx teħid forzuż u kwindi m'hemmx ksur tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni.**

[5] Lilian Martinelli v Avukat Generali 23.11.2020.

Din l-eċċezzjoni tisfa' waħda akkademika in vista ta' dak li l-Qorti għadha kif qalet fil-paragrafu ta' qabel dan.

**Rimedju Ordinarju**

L-intimata Stanmore permezz tar-raba' eċċezzjoni tagħha, tissottometti li r-rikorrenti kellha rimedju disponibbli u dan taħt il-liġi ordinarja (Art. 1531Ċ tal-Kap 16 u Art. xv 4A tal-Kap 69) li jiffakoltizzaw li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni. Filfatt ir-rikorrenti għamel użu minn dan ir-rimedju. Tabilħaqq wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIV.2021 hemm rimedju alternattiv li joħloq bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja iżda dan ma jistax jingħad għas-sitwazzjoni legali anteċedenti.

Ir-rata ta' kera ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjeta`.  L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`.

Din l-eċċezzjoni għalhekk hija valida biss sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021.

**L-eċċezzjoni ta' ndħil permessibbli bħala miżura soċjali:**

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa' soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.
(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.
(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi *de quo* tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

**Bilanċ bejn tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku**

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> **"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."**

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett

ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[6] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[7]

Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta' massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

**Żgumbrament**

Għal dak li jirrigwarda r-rimedju mitlub mir-rikorrent, fl-ewwel talba tagħha, il-Qorti tagħraf li saret talba speċifika biex hija tikkunsidra l-iżgumbrament tal-intimata mill-post.

---

[6] James & Others, Amato Gauci v. Malta.
[7] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015.

Il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Kif ingħad fil-każ **Josephine Azzopardi v. Onorevoli Prim Ministru**[8] ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ. Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-każ li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-liġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni tagħha tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti.[9]

Din l-Qorti għalhekk mhux ser tipprovvdi fuq dan ir-rimedju mitlub u din il-parti tat-talba tar-rikorrenti għalhekk mhix ser tintlaqa'.

**Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jgħid li:

> **"It-tgawdija tad-drittijiet jew libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħal ma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."**

Mhux kull trattament differenzjali jammonta għal ksur tal-Art. 14; dan l-artiklu m'għandux eżistenza indipendenti; il-ksur irid ikun relatat ma' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali sostantivi l-oħrajn elenkati fil-Konvenzjoni.[10] Fi kwalunkwe każ il-fattispeċje tal-każ kif esposti mir-rikorrent ma jinkwadraw ruħhom taħt l-ebda wieħed mir-raġunijiet ikkontemplati fl-Art. 14. Barra minn

[8] 27 ta' Ġunju 2017 Rik. 96/2014.

[9] Curmi vs Avukat Ġenerali, Kost. 24/06/2016.

[10] Ara Abdullażiż, Cabales and Balkandali 28.05.1985 iċċitata f'Angelo Xuereb v Kummissarju tal-Pulizija Qorti Kostituzzjonali 17.02.1999.

hekk, min jallega diskriminazzjoni jrid ikun f'pożizzjoni li jqabbel lilu nnifsu ma' ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi (in pari condizione).[11] L-ebda diskriminazzjoni ma sseħħ meta data partikolari tiġi stabbilita għal reġim leġislattiv ġdid[12]. Kieku kien hekk, naslu għall-assurdita` li l-ebda liġi ma tkun tista' tiġi mibdula. Ir-rikorrent ġie ttrattat l-istess bħal sidien oħrajn li krew qabel il-1995.

Inoltre fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Amato Gauci vs. Malta**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi hija ċċitata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom iżda ċċitat partijiet oħra tagħha, iddeskriviet is-sitwazzjoni b'dan il-mod:

> *"The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (Petrovic vs Austria, 27 March 1988).*
>
> *The Court reiterates that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations ... However not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. It must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment and that this distinction is discriminatory.*
>
> *-omissis-*
>
> *The Court reiterates that no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime, and that differential treatment arising out of a legislative change is not discriminatory where it has a reasonable and objective justification in the interests of the good administration of justice. The use of a cut-off date creating difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies.*
>
> *The Court observes that the 1995 amendments sought to abolish a law which, in fact, was challenged by the applicant and in respect of which the Court has found a violation of the applicant's property rights. The introduction of the amendment does not appear arbitrary or unreasonable in any way. On the contrary, in the instant case, the fact that the effects of the impugned law were abolished in respect of contracts concluded after*

---

[11] Av. Dr. Louis Galea v Il-Kummissarju tal-Pulizija 22.01.1990 Qorti Kostituzzjonali.
[12] Amato Gauci v Malta 15.12.2012 u s-sentenzi ta' Strasburgu ivi ċċitati.

*1995, a decision which fell within the State's margin of appreciation, can be deemed reasonably and objectively justified to protect owners from restrictions impinging on their rights."*

Għalhekk l-ilment dwar diskriminazzjoni bi ksur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni ma jistax jintlaqa'.

**Likwidazzjoni tal-kumpens**

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €195,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1992 sa 2021 tela' minn €986 għal €6,125.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[13] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil.[14]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropeja, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrent kumpens pekunjarju li jammonta għal tnejn u tletin elf ewro (€32,000). Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

---

[13] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA - JZM
[14] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | | KERA MĦALLSA | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1987 | 1991 | (€757 x 5) | **€3,785** | (€280 x 5) = | **€1,400** |
| 1992 | 1996 | (€1,022 x 5) | **€5,110** | (€280 x 5) = | **€1,400** |
| 1997 | 2001 | (€1,381 x 5) | **€6,905** | (€280 x 5) = | **€1,400** |
| 2002 | 2006 | (€1,865 x 5) | **€9,325** | (€280 x 5) = | **€1,400** |
| 2007 | 2011 | (€2,520 x 5) | **€12,600** | (€372 x 5) = | **€1,860** |
| 2012 | 2016 | (€3,404 x 5) | **€17,020** | (€372 x 5) = | **€1,860** |
| 2017 | 2020 | (€4,599 x 4) | **€18,396** | (€480 x 4) = | **€1,920** |
| 2021 | | | **€5,850** | | **€480** |
| TOTAL | | | **€78,991** | | **€11,720** |

<u>1987-1999</u>

€13,038 - €3,640 = €16,678

€16,678- 35% = €10,840.70

€10,840.70- 20% = €8,672.56/3 – **€2,890.85**

<u>2000-2021</u>

€65,953 - €8,080 = €57,873

€57,873- 35% = €37,617.45

€37,617.45- 20% = €30,093.96 + €2,890.85 – €32,984.81 **- €32,000**

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €500.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrenti, l-fatti suesposti, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, ossia l-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti taw dritt ta' rilokazzjoni lill-intimata Rita Stanmore għal-fond bin-numru 101, 'Roma' Triq A. Cuschieri, Fleur-De-Lys, Birkirkara u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan għall-perjodu bejn 1987 – 2021.

(3) Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat, huwa responsabbli għal kumpens tad-danni mġarrba mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta u dan talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-Liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-propjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi, liema danni għandhom ikunu pekunarji kif ukoll non-pekunarji għall-perjodu bejn 1987 – 2021.

(4) Tilqa' it-tielet u r-raba' talba billi tillikwida s-somma ta' tnejn u tletin elf ewro (€32,000) bħala danni pekunarji u €500 bħala danni mhux pekunarji u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dawn l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA